MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## GIANNINO CARUANA DEMAJO

## ONOR. IMHALLEF

## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2014

Appell Civili Numru. 46/2003/2

**Ġanni u Paola konjuġi Attard; u b'digriet tal-1 ta' Marzu 2006 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Paola Attard minflok Ġanni Attard li miet fil-mori tal-kawża**

***v.***

**Paul Mizzi; u b'digriet tal-5 ta' Novembru 2008 giet kjamata fil-kawża Carmela Mizzi.**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija fit-12 ta’ Jannar 2011 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Superjuri, Ġurisdizzjoni Ġenerali, li ħelset lill-konvenuti mill-ħarsien tal-ġudizzju dwar talba għal żgumbrament minn raba mqabbel lill-atturi u ċaħdet it-talba għal danni minħabba ħsara fl-istess raba.

1. L-ewwel qorti fissret hekk il-fatti li wasslu għall-kawża u r-raġunijiet li wassluha biex tiċħad it-talba magħmula fiċ-ċitazzjoni:

> “Illi permezz ta’ din il-kawża l-attur qed jitlob li jiġi dikjarat illi għandu titolu validu ta’ qbiela fuq ir-raba’ indikat fiċ-ċitazzjoni, u konsegwentement sabiex il-konvenut jiġi ordnat biex joħroġ minn dan ir-raba’, u huwa jiġi mantnut fil-pussess tiegħu. Talbu wkoll il-likwidazzjoni tad-danni kkaġunati mill-konvenut f’dan ir-raba’ u l-kundanna tiegħu sabiex iħallas dawn id-danni.
>
> “Il-konvenut, apparti eċċezzjoni dwar in-nullità tal-kawża għax mhux ċar x’tip ta’ azzjoni qed jeżerċitaw l-atturi, jeċċepixxi wkoll li mhux il-leġittimu kontradittur, u barra minn hekk jiċħad li kkawża xi danni fl-istess raba’.
>
> “Il-kjamata fil-kawża, bħall-konvenut, teċċepixxi li hija mhijiex il-leġittimu kontradittur tal-atturi u anqas ikkawżat ebda danni fir-raba’ mertu tal-kawża.
>
> “Huwa hawnhekk opportun li jiġu msemmija fil-qosor il-fatti li taw lok għal din il-kawża, u dan qabel ma jiġu ttrattati d-diversi eċċezzjonijiet mogħtija mill-konvenut u l-kjamata fil-kawża.
>
> “Ir-raba’ *de quo agitur*, li huwa proprjetà tal-gvern, kien oriġinarjament imqabbel lil ċertu Salvu Mifsud, li meta wasal għall-età pensjonabbli, u sabiex ikun jista’ jikkwalifika li jibda jirċievi l-pensjoni, wera x-xewqa tiegħu li jerħiha. Skond il-verzjoni mogħtija mill-konvenut, Mifsud informa b’dan lil Maria Assunta Mizzi, omm il-konvenut, li kienet tagħmilha tal-gabillotta u tiġbor il-qbiela mingħand l-inkwilini kollha tar-raba’ tal-gvern f’dawk l-inħawi u tħallas kollox hi fid-dipartiment konċernat. Bintha Maria Vella wriet ix-xewqa li tidħol hi minflok dan Mifsud fil-qbiela ta’ dan ir-raba’, u għalhekk marru fl-uffiċċju tad-Dipartiment tal-Artijiet f’Għawdex biex idawwru l-qbiela ta’ dan ir-raba’ għal fuq ir-raġel ta’ Maria Vella. Ġara però li r-raġel ta’ Maria Vella miet ftit wara, u r-raba’ għamel żmien ma jinħadimx. Billi l-bdiewa fl-inħawi bdew jilmentaw bil-ħsara li kienet qed tiġi kkaġunata fir-raba’ tagħhom minħabba l-abbandun f’dan ir-raba’, hija ddeċidiet li tqabbad lill-atturi, li dik il-ħabta kienu qed jikkultivaw raba’ ieħor ta’ nies imsefrin fl-istess

inħawi, sabiex jieħdu ħsiebu huma. Ta' dan hija xtaqet tikkumpensahom, imma l-atturi kienu kuntenti jieħdu biss l-uċuh li kien jirnexxilhom ikabbru f'dan ir-raba'. Wara xi snin, irritorna mis-safar il-konvenut, li wera lil oħtu li issa kien pront joħdilha ħsieb dan ir-raba' hu. Infatti darba fost l-oħrajn, huwa mar fl-istess raba', flimkien ma' wlied Maria Vella, li issa kienu laħqu kibru, sabiex inaddaf dan ir-raba'. Hawnhekk inqala' l-inċident mertu tal-kawża preżenti. Dan għaliex il-konvenut qata' xi siġar tal-frott u dwieli li kien hemm f'din l-għalqa. L-attriċi ndunat b'dan, bdiet tgħajjat lill-konvenut biex joħorġilha mill-għalqa, għamlet rapport mal-pulizija, li ġie segwit bil-kawża kriminali [kontra l-konvenut Paul Mizzi], u ġiet anke intavolata talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, li però ma ġietx milqugħa. Imbagħad saret il-kawża preżenti.

"Il-verżjoni tal-atturi hija xi ftit differenti. Huma jsostnu illi meta saru jafu li Salvu Mifsud kien ser jerħi dan ir-raba' kellmu lill-konvenut, li aċċetta li dawn jidħlu huma minflok Mifsud u anke mar jurihom fejn jinsab ir-raba'. Għall-ewwel kienu jħallsu l-qbiela lill-gabillotta Maria Assunta Mizzi permezz ta' xi balal tat-tiben, u mbagħad, fuq xewqa tal-istess, bdew iħallsuha fi flus kontanti. Ta' dan però qatt ma ngħataw riċevuta. Huma jinsistu illi dan ir-raba' baqa' f'idejhom sakemm daħal il-konvenut fl-okkażjoni tal-inċident hawn fuq imsemmi.

"L-ewwel diffikoltà li tippreżenta din il-kawża hija dwar in-natura tagħha. Dwar dan jidher li lanqas l-atturi stess ma kienu ċerti, għaliex fil-waqt illi fit-trattazzjoni ta' din il-kwistjoni fl-udjenza tat-8 ta' Ottubru 2008, il-legali tagħhom stqarr illi "din hija kawża ta' natura possessorja, rigwardanti att esegwit mill-konvenut Paul Mizzi", fin-nota tal-osservazzjonijiet tagħhom l-atturi jgħidu li l-"indoli taċ-ċitazzjoni hija kjarament petitorja" u dan mingħajr ma ġie allura spjegat x'tip ta' kawża petitorja kienet qed tiġi eżerċitata.

"Fil-kawża preżenti hemm diversi talbiet, tnejn dikjaratorji, u *cioè* li l-atturi għandhom titolu ta' qbiela fuq din l-art u li l-konvenuti kkawżawlhom id-danni fiha, oħra għall-iżgumbrament tal-konvenut minn ġo fiha, oħra għall-manutenzjoni fil-pussess tagħhom, u oħra għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni kkaġunati mill-konvenut. Madankollu ma hemm xejn ħażin li diversi azzjonijiet, sakemm ma jkunux konfliġġenti ma' xulxin, jiġu akkumulati f'kawża waħda. *… … ...*

"Imma, kif rajna, waħda mit-talbiet f'din il-kawża tikkonċerna l-manutenzjoni tal-atturi fil-pussess tar-raba' in kwistjoni. Il-konvenut jinsisti illi f'din il-kawża ma jissussistux l-elementi tal-*actio manutentionis*, billi l-atturi *ex admissis* jippretendu biss li huma sempliċi inkwilini tal-art mertu tal-kawża, u allura m'għandhomx il-pussess *animo domini* meħtieġ f'kawża bħal din. Kif tajjeb isostni għalhekk il-konvenut fin-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu, l-atturi, anke kieku kellu jiġi aċċettat li huma tassew inkwilini tal-art in kwistjoni, qatt ma setgħu jinqdew bl-*actio manutentionis*, billi huwa stabilit fil-ġurisprudenza li wieħed mill-elementi ewlenin ta' din il-kawża huwa li l-attur ikollu l-pussess *animo domini* fuq il-proprjetà li minnha jkun ġie molestat. Għaldaqstant jista' jingħad minn issa li t-tielet talba tal-atturi żgur li ma tistax tirnexxi.

“Fir-rigward imbagħad tal-ewwel żewġ talbiet, jidher li l-atturi qegħdin jeżerċitaw tip ta’ kawża oħra *sui generis* spettanti anke lis-sempliċi detentur li jkun sofra *molestia di fatto*. … … ...

“Jidher għalhekk illi kemm-il darba jirriżulta li l-atturi tassew huma l-inkwilini tar-raba’ in kwistjoni, huma għandhom dritt illi permezz ta’ din l-azzjoni jesiġu li ma jibqgħux jiġu molestati minn min qed jiddisturbahom f’din it-tgawdija. Imma ġaladarba dan l-allegat titolu ta’ qbiela qed jiġi kontestat, irid qabel xejn jiġi stabilit jekk hux minnu illi l-atturi kellhom tali titolu meta seħħew l-inċidenti mertu ta’ din il-kawża.

“It-talbiet attriċi ġew indirizzati lill-konvenut, u mbagħad, wara s-sejħa fil-kawża ta’ oħtu Carmela Mizzi, lil din ukoll. Irriżulta però li Paul Mizzi la huwa s-sid tal-art *de qua agitur* u lanqas qatt ma kellu ebda pretensjonijiet ta’ qbiela fuqha. Huwa daħal fiha biss fuq talba ta’ oħtu Maria Vella, li min-naħa tagħha tippretendi li hija l-inkwilina ta’ din l-art u anke pproduċiet diversi kopji ta’ riċevuti ta’ ħlas tal-qbiela relativa rilaxxjati minn ommha, il-gabillotta tat-territorju *ta’ Lambert*, limiti tax-Xewkija, li dan ir-raba’ jifforma parti minnu, jew mingħand oħtha, l-kjamata fil-kawża Carmela Mizzi, li għal xi żmien kienet tirrilaxxja r-riċevuti f’isem ommha. L-istess Carmela Mizzi lanqas ma għandha ebda interess fit-talba għad-dikjarazzjoni li din l-art hija mqabbla lill-atturi, għax kif ġà ngħad, din kienet biss, għal xi żmien, tiġbor f’isem ommha l-qbiela mingħand id-diversi bdiewa li kienu jaħdmu r-raba’ *ta’ Lambert*. Hija biss Maria Vella li qed tivvanta pretensjonijiet ta’ qbiela fuq din l-istess art, u għalhekk l-ewwel talba kellha tiġi indirizzata lilha, bħala l-pretiża inkwilina l-oħra, u lill-Kummissarju tal-Artijiet bħala s-sid, li kellu jirrikonoxxi lil xi ħadd minnhom f’din il-qbiela. Billi għalhekk sew il-konvenut kif ukoll il-kjamata fil-kawża għandhom raġun fl-eċċezzjoni rispettiva tagħhom li huma mhumiex il-leġittimi kontradittguri tal-atturi, fir-rigward ta’ din it-talba, din il-qorti ma tistax tipproċedi biex tiddeċiedi dwar il-pretensjoni tal-atturi li huma l-inkwilini tar-raba’ in kwistjoni, u per konsegwenza lanqas dwar it-tieni talba li għas-suċċess tagħha tiddependi mill-eżitu tal-ewwel talba.

“Fir-rigward imbagħad tar-raba’ u ħames talba, billi qatt ma ġie allegat minn ħadd illi l-kjamata fil-kawża għamlet xi ħsara għad-detriment tal-atturi fl-art in kwistjoni, lanqas hawn ma hi l-leġittima kontradittriċi u għalhekk hemm lok illi tiġi liberata anke fejn għandhom x’jaqsmu dawn iż-żewġ talbiet. Mhux l-istess però jista’ jingħad dwar il-konvenut. Talba għad-danni trid neċessarjament tiġi indirizzata lil min ikun il-kaġun tagħhom. L-atturi jallegaw illi dawn ġew ikkaġunati mill-konvenut, u għalhekk kienu mxew sewwa meta ħarrku lilu biex jirrispondi għal dawn iż-żewġ talbiet. Imma sabiex jirnexxu fl-istess talbiet kellhom jippruvaw illi l-konvenut tassew ikkawżalhom id-danni msemmija fi proprjetà li dawn kienu qed jiddetjenu b’titolu ta’ qbiela meta seħħ l-inċident in kwistjoni, ħaġa però li, għar-raġunijiet fuq imsemmija, baqgħet ma ġietx ippruvata f’din il-kawża. Għaldaqstant lanqas dawn it-talbiet ma jistgħu jiġu milqugħa.”

2. Għal dawn ir-raġunijiet l-ewwel qorti hekk qatgħet il-kawża:

"... ... ... filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u l-kjamata fil-kawża li huma mhumiex il-leġittimi kontradditturi fir-rigward tal-ewwel żewġ talbiet, u tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju tagħhom, tiċħad it-tielet talba, tiddikjara li l-kjamata fil-kawża lanqas m'hi l-leġittima kontradittur fir-rigward tar-raba' u l-ħames talba, u tiċħad ukoll l-istess talbiet fil-konfront tal-konvenut.

"Bl-ispejjeż kontra l-atturi."

3. L-attriċi (li f'isimha weħedha tkompliet il-kawża wara l-mewt tal-attur) appellat minn din is-sentenza b'rikors tal-25 ta' Jannar 2011; il-konvenut wieġeb fil-21 ta' Frar 2011 u l-konvenuta msejħa fil-kawża wieġbet ukoll fil-21 ta' Frar 2011.

4. L-ewwel aggravju tal-attriċi appellanti huwa illi l-ewwel qorti iddeċidiet ħażin meta qalet illi t-talba għal dikjarazzjoni illi l-atturi huma inkwilini tal-fond ma kellhiex issir kontra l-konvenuti, li ma humiex kontradditturi leġittimi għal dik it-talba. Ir-raġuni għal dan l-aggravju ġiet imfissra hekk:

"Hu tabilhaqq ovvu illi x-xorta ta' azzjoni proposta mill-atturi appellanti kienet intiża biex huma, *qua* inkwilini, jirrepellaw [*sic*] molestja *di fatto* kommessa mill-konvenut. Dan għaliex kif inhu paċifiku "dik l-azzjoni hija bażata fuq id-dritt li l-ligi tagħti lill-inkwilin li jaġixxi kontra terzi li għemilhom immolesta t-tgawdija tal-ħaġa mikrija ..." (ara Oswald Arrigo *nomine vs* Alfred Anastasi *nomine*, Appell Kummerċjali, 3 ta' Ġunju 1957). Dan huwa hekk għaliex il-molestja hija "offiża personali lill-konduttur li taghmel hsara lilu biss ... u għalhekk il-konduttur għandu d-dritt jaġixxi biex jirrimwovi din l-ispeċi ta' molestja" (ara Giuseppe Caruana *vs* Carmel Caruana *et*, Appell Ċivili, 5 ta' April, 1954). Fi kliem ieħor il-konduttur "għandu d-dritt li jġieghel lill-molestatur jieqaf u li jkollu r-riżarċiment tad-danni" (ara Geraldu Gatt *vs* Giuseppe Micallef, Appel Ċivili, 22 ta' Novembru, 1954).

5. Id-disposizzjoni tal-liġi relevanti hija dik tal-art. 1550 tal-Kodiċi Ċivili:

"**1550.** Sid il-kera mhux obbligat jagħmel tajjeb lill-kerrej għall-molestji li terzi persuni, b'għemilhom, jikkaġunawlu fit-tgawdija tal-ħaġa, meta dawn il-persuni ma jkunux jippretendu xi jedd fuq il-ħaġa mikrija, bla

ħsara tal-jedd tal-kerrej li jaġixxi kontra dawk il-persuni fl-isem tiegħu nnifsu."

6. Dan l-artikolu iżda ma jagħtix xi dritt ġdid ta' azzjoni lill-kerrej: huwa biss "bla ħsara" għall-jedd li ġà għandu bħala detentur – u daqs kull detentur ieħor – kontra molestji *i.e.* l-azzjoni ta' spoll, bħal ma hi, fil-verità, l-azzjoni tallum, flimkien ma' azzjoni għad-danni. Għalhekk, it-talba għal dikjarazzjoni illi l-atturi għandhom titolu ta' qbiela fuq ir-raba' hija, għall-għanijiet tat-talbiet possessorji fil-kawża tallum, irrelevanti. L-azzjoni li għandhom l-atturi ma hijiex xi azzjoni speċjali jew *ad hoc*, kif qalet li hija l-ewwel qorti jew kif qiegħda tgħid l-attriċi appellanti, li tmiss b'mod speċjali lill-inkwilin, iżda hija l-azzjoni ta' spoll li tmiss, iva, lill-inkwilin, iżda mhux *qua* inkwilin iżda *qua* detentur tal-fond. Molestja ta' fatt ma tagħtix lill-inkwilin rimedju possessorju privileġġjat li ma kienx ikollu li kieku kien is-sid għax il-kiri ma jagħtix lill-kerrej drittijiet kontra terzi aktar milli għandu s-sid. Li tgħid mod ieħor huwa anti-ġuridiku.

7. Għalhekk, prova li l-atturi għandhom titolu ta' qbiela hija utli biss bħala xiehda li huma detenturi, u mhux biex tagħtihom leġittimazzjoni attiva biex imexxu bl-azzjoni tallum. Billi iżda l-azzjoni li ressqu l-atturi hija l-azzjoni ta' spoll u, kif jingħad fil-premessi taċ-ċitazzjoni, il-molestja saret f'Awissu tal-2002, isegwi illi l-azzjoni, li nfetħet fid-19 ta' Mejju 2003, inbdiet ferm wara li għaddew ix-xahrejn li tagħti l-liġi, u għalhekk

biss l-azzjoni ma tistax tirnexxi. Dan kellu jkun ovvju *ictu oculi* u l-aggravji relativi għat-talbiet possessorji huma irrelevanti.

8. Għall-għanijiet imbagħad tat-talbiet għal danni, il-prova illi l-atturi għandhom titolu ta' qbiela hija utli bħala prova tal-interess ġuridiku tagħhom biex jagħmlu dawk it-talbiet. L-aggravju relativ għal dawn it-talbiet ġie mfisser hekk mill-attriċi appellanti:

> "... ... ...huwa tassew sorprendenti għall-esponenti kif l-ewwel qorti irraġunat illi huma ma ipprovawx illi l-konvenut ikkawżalhom danni meta jinżel lampantement ċar mill-atti u mix-xiehda illi l-ħsarat seħħew u li kien il-konvenut li ġabhom fis-seħħ. Jidher li l-argument bażiku tal-ewwel qorti għaċ-ċaħda minnha għar-raba' u l-ħames talbiet kien impernjat unikament fuq il-konsiderazzjont li l-atturi ma ippruvawx it-titolu ta' qbiela. L-esponenti ma humiex bi ħsiebhom joqogħdu jirrepetu illi minn ebda parti tas-sentenza appellata ma jirriżulta illi l-ewwel qorti eżaminat fil-mertu u fis-sostanza dak it-titolu ta' qbiela in kwantu l-unika konsiderazzjoni li għamlet kienet waħda esklusivament proċedurali, *ossia* li l-konvenut ma kienx il-leġittimu kontradittur. Fiċ-ċirkostanzi l-esponenti jillimitaw ruħhom sabiex jissottolinejaw illi l-ewwel qorti għamlet ġudizzju skorrett tal-prinċipji tad-dritt fir-rigward tat-talbiet kollha tagħhom u dan, sija fl-isfond tal-atti probatorji sija għal dawk li huma l-ipotesijiet tal-liġi applikabbli għall-każ."

9. Ir-raġuni għala l-ewwel qorti ċaħdet it-talbiet dwar id-danni ma kinitx illi "irraġunat illi huma [l-atturi] ma ipprovawx illi l-konvenut ikkawżalhom danni" u lanqas illi "l-atturi ma ippruvawx it-titolu ta' qbiela". L-argument tal-ewwel qorti effettivament kien illi ma hemmx integrità tal-ġudizzju għall-għanijiet tal-prova tal-interess ġuridiku tal-atturi – *i.e.* illi l-ħsara saret lil ħwejjeġ illi huma għandhom interess leġittimu fihom u illi għalhekk kienu huma illi ġarrbu l-ħsara – għax kienet tal-fehma illi biex issir il-prova tat-titolu tal-qbiela huwa meħtieġ illi sid-il-kera jkun parti fil-kawża. Kien għalhekk illi l-ewwel qorti ma "eżaminat[x] fil-mertu u fis-

sostanza dak it-titolu" għax dehrilha illi, fin-nuqqas ta' parti interessata, dak l-eżami ma setax isir.

10. Għalhekk il-kwistjoni essenzjalment hija jekk, biex tista' ssir prova tat-titolu ta' qbiela u, konsegwentement, tal-interess ġuridiku tal-atturi biex jipproponu l-azzjoni, huwiex meħtieġ illi sid-il-kera u min jippretendi li hu, flok l-atturi, għandu dak it-titolu, ikunu huma wkoll parti fil-kawża.

11. Tassew, l-attriċi ma indirizzatx din il-kwistjoni fir-rikors tal-appell tagħha, ħlief billi tgħid – bħala stqarrija dommatika iżjed milli bħala argument raġunat – illi "… … … kien jispetta lill-ewwel qorti li teżamina fis-sostanza jekk l-atturi appellanti kellhomx it-titolu ta' qbiela li kienu qegħdin jivvantaw, u mhux sempliċiment jekk il-konvenut u l-imsejħa fil-kawża kinux il-leġittimi kontradditturi fil-konfront tal-ewwel żewġ talbiet tagħhom".

12. Fil-fehma ta' din il-qorti t-tweġiba għall-mistoqsija jekk sid-il-kera kellux ikun parti fil-kawża nsibuha fl-art. 1550 tal-Kodiċi Ċivili, ġà ċitat fuq. Jekk l-għemil li għamel il-ħsara kien biss molestja ta' fatt, id-dritt tal-kerrej li jmexxi fl-isem tiegħu innifsu bl-azzjoni *ex lege aquilia* huwa riservat favur tiegħu u ma huwiex meħtieġ illi sid-il-kera jissejjaħ fil-kawża; jekk, iżda, dawk li għamlu l-ħsara "jippretendu xi jedd fuq il-ħaġa mikrija", mela l-kerrej għandu jsejjaħ fil-kawża lis-sid biex jiġi determinat lil min tassew imiss dak il-jedd kontestat.

13. Fil-każ tallum il-konvenut qaċċat xi siġar – l-għemil illi l-atturi jqisuh bħala dannuż għalihom – għax deherlu li kien imqabbad jagħmel hekk minn min huwa tassew, flok l-atturi, il-kerrej tal-fond, u għalhekk qiegħed effettivament jikkontesta t-titolu pretiż mill-atturi. F'dawn iċ-ċirkostanzi, għalhekk, qalet sew l-ewwel qorti li kellhom ikunu parti fil-kawża sid-il-kera u wkoll it-terza persuna li tippretendi li hija hi li għandha t-titolu ta' qbiela pretiż mill-atturi; billi dawn ma humiex parti fil-kawża, għamlet ukoll sew l-ewwel qorti meta qalet illi l-ġudizzju ma huwiex integru għalkemm strettament il-konsegwenza kellha tkun mhux illi t-talbiet dwar danni jiġu miċħuda safejn magħmula kontra l-konvenut, iżda illi dan jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju.

14. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u, għalkemm għal raġunijiet differenti minn dawk mogħtija mill-ewwel qorti, tikkonferma s-sentenza appellata, bla ħsara għal kull jedd illi l-attriċi jista' għandha kontra terzi li ma humiex parti fil-kawża.

15. L-ispejjeż kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell tħallashom l-attriċi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------